MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Numru 741/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Roland Cassar)**
**vs**
**Gudi Guan Kandal**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Gudi Guan Kandal** ta' 34 sena, bin Gudi u Stera nee Yusef, mwieled Syria u residenti fil-fondest Mary Triq l-Orsolini, Pieta', detentur ta karta tal-identita' numru 25144A;

(1) talli Fid-29 ta' Lulju 2006 ghall-habta ta'16.00 ta' wara nofsinhar gewwa Triq l-Orsolini Pieta, minghajr il-hseib li toqtol jew li tqieghed il-hajja f'periklu car, volontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Agid, ID 81448F skond kif iccertifika Dr. L. Von Brockdorff 2869 ta' l-Isptar San Luqa;

(2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirt il-pace pubblika u l-bon ordni b'ghajjar u glied;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Semghet ukoll il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-ammissjoni tal-imputat tajjeb li jkunu elenkati l-fatti speci tal-kaz fejn l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu wara li l-mara tieghu stess irrapurtat lill-pulizija illi zewgha kien imbuttaha xi zewg targiet fir-residenza taghhom u kisret imnieherha wara argument. Wara rrangaw kollox bejniethom, izda l-familja tal-mara tieghu marru fir-residenza tal-kopja u beda xi tghajjir bejniethom. Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku mahrug fit-28 ta' Lulju 2006 li jghid li l-pazjenta sofriet tbengila fuq wiccha, qasma fuq geddumha u ksur f'imnieherha. PS 1141 xehed lli meta kellem lil Maria Agid, din qaltlu li wara li marret tottjeni certifikat mediku, l-imputat kien heddidha li jekk tmur ghand il-pulizija kien ser joqtolha.

Maria Agid, mart l-imputat, ghazlet li ma tixhidx kontra zewgha u ghal kull buon fini irrinunzjat ghal dak kollu rinunzjabbli izda f'dan il-kaz l-akkuza ta' l-offiza ta' natura gravi volontarja mhix wahda rinunzjabbli.

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 214, 216 (i) (b) u 338 (dd) tal-Kap 9;

Tillibera lil-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------